Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum l-03 ta' Dicembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Versus**

**Joseph Darmanin**
**(231272M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Joseph Darmanin ta' 49 sena mwielda Pieta' nhar l-01 ta' Mejju 1972 iben Elia u Maria nee' Grixti u residenti 32, Triq il-Bali Guarena, Qrendi. Detentur tal-Karta tal-Identita numru 231272M

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Jannar 2018, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19.00hrs) gewwa Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dennis Demicoli minn Birkirkara u dan ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill ex-partner Fiona Borg u lil Dennis Demicoli biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra il-propjeta taghhom.

3. Ta' fastidju lill-ex partner tieghu Fiona Borg u lil Dennis Demicoli b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dawk il-persuni.

4. Ghamel lil Dennis Demicoli ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

5. Permezz ta' network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Dennis Demicoli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu, jew biex imalafamajt lilu, jew xi persuni ohra jew ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

6. Talli saq motor-car jew vettura ohra ta l-ghamla Freelander TD4 bin-numru ta' registrazzjoni FGV336 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

7. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh, weggha bi kliem b'gesti jew b'xi mod iehor lil ta' Dennis Demicoli.

8. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

9. Kellu fil-pussess tieghu arma irregolari.

Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mil-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mil-Magistrat Dr. A. J. Vella nhar l-24 t'April 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kadici Kriminali, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Prosekuzzjoni titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tipprovdi sigurta ghal-skop ta' protezzjoni tal-persuna offiza u cioe' Dennis Demicoli u Fiona Borg taht l-artikolu 412C.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol 17*) datat 27 t'April 2018.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda tal-*parte civile* Dennis Demicoli fejn iddikjara bil-gurament illi ma' jridx jixhed fil-konfront ta' l-imputat u dan stante li jistgha jinkrimina ruhu fi proceduri li hemm fil-konfront tieghu quddiem din il-Qorti hekk preseduta. Il-*parte civile* iddikjara ukoll illi qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fir-rigward ta' l-imputat.

Semghat lil *parte civile* Fiona Borg fejn iddikjarat bil-gurament illi ma' tridx tixhed fil-konfront ta' l-imputat u dan stante li l-imputat huwa l-ex partner taghha u li mieghu ghandha l-ulied. Il-*parte civile* iddikjarat ukoll illi qed tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fir-rigward ta' l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet fejn l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu ghad-decizzjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-17 ta' Jannar 2019 xehed Dr. Jean Claude Farrugia illi fis-27 ta' Jannar 2018 ghal habta tat-8.30pm hu kien invizta lil Dennis Demicoli li kien qieghed jgharaf fl-awla. Hu kellu diversi griehi u kien ikklasifika l-griehi bhala gravi ghax kien hemm id-daqqiet fuq wiccu u jdejh u kien tilef xi snien ta' quddiem. Dennis Demicoli ma kienx inzamm l-isptar u l-griehi kellhom effetti zghar mhux permanenti apparti tas-snien.

Xehdet ukoll Dr. Yana Marie Dimech li fit-28 ta' Jannar 2018 f'xi 1.30am, kienet inviztat lil Dennis Demicoli fid-dipartiment tal-ENT, fejn ix-xhud ikkonfermat li qed tgharfu fl-awla. Fuq ic-certifikat kienet kitbet illi il-griehi kienu ta' natura moderata imma dawn jigu bhala griehi hfief u minn naha tal-ENT ma kienx hemm affarijiet permanenti.

Fil-31 ta' Jannar 2019 xehed PC3 Kevin Grima (*a fol. 17 et seq*), li fis-27 ta' Jannar tal-2018, waqt illi kien xoghol dahal rapport fit-2.45pm minn Joseph Darmanin li qallu li dakinhar, waqt illi t-tfal kienu mieghu ghall-access fir-residenza tieghu gewwa l-Qrendi, hu nnota li Shylon Darmanin kellu tbengila fuq in-naha ta' wara ta' dahru. It-tifel qallu li ghamilhomlu l-partner t'ommu Dennis Demicoli. Skont hu, Shylon u ohtu kienu qajjmu lil Dennis waqt illi kien rieqed, u Dennis lil Shylon kien tah daqqa ta' sieq f'dahru. Joseph Darmanin qal illi ma kinitx l-ewwel darba li t-tifel kien qal illi Dennis kien ghamilu tbengil izda qatt ma' ghamel rapport. Dakinhar Joseph Darmanin kien iddecieda li jiehu lit-tifel Shylon il-polyclinic tal-Furjana, fejn urih certifikat, illi kellu griehi ta' natura hafifa. Ikkonferma illi r-ritratt ta' Shylon Darmanin u c-certfikat mediku mahrug minn Dr SB Das Reg nru 2141, mmarkati bhala Dok ETX1 u ETX2 kien ghaddihomlu Joseph Darmanin. Ix-xhud qal li min-naha tieghu informa lil Child

Protection Services u wara jumejn Joseph Antoncich li huwa Social Worker leader infurmah, illi Jeannelle Boffa u Aaron Azzopardi, kienu marru jkellmu lit-tifel l-iskola Santa Tereza gewwa Santa Venera, fejn qalilhom li l-griehi setghu saru waqt illi jkun jilghab b'mod goff ma' shabu. Hu kien ipprova jghid lil missieru, li mhux Dennis Demicoli ghamilhomlu. Ftit wara li kien telaq Joseph Darmanin, kienet cemplet Fiona Borg, omm Shylon Darmanin, fejn infurmatu illi kien hemm bzonn l-assistenza tal-pulizija peress illi kien hemm Joseph Darmanin u Dennis Demicoli jiggieldu. Ix-xhud mar flimkien ma' PC 97 Silvio Bonello fejn osservaw hgieg mkisser quddiem ir-residenza ta' Fiona Borg u x'hin dahlu sabu lil Dennis Demicoli, li gharaf fl-awla fejn deher li kellu griehi ma jdejh u wiccu u kellu ukoll il-flokk imcarrat. Ix-xhud kompla jghid li Dennis spjega illi t-tfal kienu gew lura minghand missierhom Joseph u t-tifel kien qallu li missieru ried jkellmu. It-tifel kien ghaddilu l-mobile, fejn Joseph beda jghidlu li messlu lit-tifel u beda joffendih u qallu li kien ser jmur u hu wiegbu bl-istess mod. Fiona wasslet bix-xirja u Dennis nizel jghinha. Wasal Joseph f'Land Rover, u nizel mil-karrozza u kellu hadida forma ta' golf jew baseball bat, u hebb ghal Dennis u gidmu f'idejh u mbaghad telaq. Fiona Borg ikkonfermat illi kienet ghada tasal bix-xirja u maghha kien hemm ommha u t-tifla Jessica u qalet lil Dennis biex jghinha. Wasal Joseph Darmanin bil-karrozza tieghu u nizel b'hadida u hebb ghal Dennis. Ix-xhud ikkonferma illi Dennis kien ghaddielu tlettax ir-ritratt mmarkati bhala Dok ETX3 u x-xhud kkonferma illi huma l-istess griehi li kien ra dakinhar. Waqt illi x-xhud kien ghadu fir-residenza, PWC 11 infurmatu li Joseph Darmanin kien mar l-ghassa u kellu wiccu kollu dmija. X'hin ix-xhud wasal l-ghassa, nnota Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni FGX336 li kellu l-hgiega tal-lemin mkissra, u meta spezzjonha nnota li kellha xi ghaffiesi, filwaqt illi Joseph Darmanin kellu griehi u d-demm f'wiccu. Ix-xhud ikkonferma li t-tlett ritratti kien tahomlu Joseph Darmanin li gew pprezentati bhala DOK ETX4. Joseph Darmanin qallu li wara li wassal it-tfal id-dar wara l-access hu qal lit-tifel biex jghid lil Dennis li ried jkellmu. Hu cempel lil Shylon fuq il-mobile u t-tifel ghaddih lil Dennis, fejn qallu li ma kellux ghalfejn jmiss lit tifel, imma jekk ried l-ewwel jmiss lilu. Dennis stiednu biex jmur hemm, u hu mar bil-karrozza u lanqas lahaq nizel mill-karrozza ghax Dennis gie minn wara u kissirlu l-hgiega tan-naha tal-lemin u beda jzommu u jtih, u fil-fatt kellu jitlaq minn hemm. Joseph qal lix-xhud li jista' jkun li meta saq, laqat sieq Dennis. Ix-xhud kompla jghid li Joseph Darmanin kien ghaddielu stima u ritratti tal-hsarat DOK ETX5 u Dok ETX6. L-ghada x-xhud qal li kien mar fuq il-post u nnota cameras u esebixxa Dok ETX7 li huwa CD bil filmat tac-CCTV u

18 ir-ritratt li huma stills mill-filmat mmarkati bhala Dok ETX8 u tlett ritratti mmarkati bhala Dok ETX9, li juri hgieg mkisser fi Triq Dun Mauro Inguanez, B'Kara li kien hadhom il-Pulizija PC271. Mill-filmati x-xhud, innota lil Darmanin ghaddej fil-vettura u deher illi kienet ghaddejja xi kommossjoni mid-dellijiet ghax l-camera ma qabditx kollox. Jidher il-brake lights jintefa' u jinxtghel u l-karrozza telqet. Wara xi zewg minuti deher Joseph Darmanin niezel bil-mixi fejn deher illi kellu golf bat f'idejh u kien qisu qieghed jfittex u wara ftit deher tiela' l fuq. Joseph Darmanin u Dennis Demicoli t-tnejn gew iccertifikati li kellhom griehi gravi. Ix-xhud ikkonferma illi hu kien prezenti waqt iz-zewg stqarrijiet. Joseph Darmanin ghall-ewwel kien cahad li kellu xi haga f'idejh izda fl-istqarrija tat-30 ta' Jannar 2018 ammetta li kellu hadida. Qabel l-istqarrija Joseph Darmanin kien ha l-parir tal-avukat tieghu Dr. Alfred Abela.

Illi fl-10 ta' Ottubru 2019 xehdet Dr. Sarah Refalo Azzopardi (*a fol. 83*) li kienet ezaminat lil Joseph Darmanin fis-27 ta' Jannar 2018, fejn kellu daqqa kbira fuq ghajnejh tax-xellug, kellu d-demm migmugh fejn jkollok l-abjad tal-ghajn u qatgha li kienet mehjuta l-emergenza. Kellu ukoll hafna brix ma' wiccu u iccertifikatu bhala grevious minhabba l-qatgha tal-kappell ta' ghajnejh. Hi ezebit certfikat mmarkat bhala Dok SRA 1, fejn qalet illi jekk il-ferita tkun mehjuta tajba mhux suppost tibqa' vizibbli.

Illi fl-istess seduta xehdet ukoll Jessica Borg (*a fol. 78*) li gharfet l-imputat fl-awla. Hi kienet taf lil Dennis Demicoli ghax hu kien il-partner t'ommha u lil Joseph Darmanin li huwa l'ex-partner t'ommha. Hi taf illi kien hemm argument, izda ma tiftakarx meta kien, u ma' kienet rat jew semghet xejn, ghax kienet qieghda ma hutha fil-kamra fuq in-naha ta' wara.

Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2020 xehed bil-gurament Dennis Demicoli illi iddikjara illi ma jridx jixhed fil-konfront ta' l-imputat Joseph Darmanin u li qieghed jirinunzja ghal dak kollox li hu rinunzjabbli.

Illi fl-istess seduta xehdet ukoll Fiona Borg illi bil-gurament iddikjarat illi ma riditx tixhed f'dawn il-proceduri stante li l-imputat huwa l-ex partner taghha u l-*parte civile* huwa l-partner taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-parte civile Dennis Demicoli ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri fil-konfront ta' l-imputat, u dan stante illi jistgha jinkrimina ruhu, kif ukoll iddikkjara illi qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputat.

Illi l-parte civile Fiona Borg ukoll ghazlet li ma' tixhidx fil-konfront ta l-imputat stante li huwa l-ex partner taghha u li mieghu ghanda l-ulied.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat il-provi migjuba u semghat x-xhieda specjalment ix-xhieda tal-*parte civile*, din il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lil imputat **mhux hati** ta' l imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qeghda **tilliberah minnhom**.



**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat